MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 615/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC, ga' Guardian Royal Exchange PLC, kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Dr. Carol Jaccarini u l-istess Dr. Carol Jaccarini f' ismu proprju**

**vs**

**Raymond Barbara**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm290.31c (mitejn u disghin lira Maltin u wiehed u tlettin centezmi) rappresentanti danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura FBN 437 assigurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta' Dr. Carol Jaccarini u dan billi fit- 2 ta' Awissu, 2001 go tas-Sliema, waqt li l-konvenut kien qed issuq il-

vettura CAL 249 habat mal-vettura FBN ta' Dr. Carol Jaccarini u misjuqa minnu u ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat- 28 ta' Novembru, 2001 u tat- 22 ta' Jannar 2002, u bl-imghax tat- 8% fuq Lm290.31 (mitejn u disghin lira Maltin u wiehed u tlettin centezmi) mit- 28 ta' Novembru 2001 sal-hlas effettiv u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-lum kontra Montaldo Insurance Agency Ltd. Assiguraturi tal-konvenut liema ittra ufficjali hija rikjesta mill-ligi, u Lm10 konsult, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lill-Dr. Renato Cefai jikkonferma bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**